# Qalb żagħżugħa

Fr. Pierre Bonnici mssp & Fr. Karm Debattista mssp © 1998 Karm Debattista mssp

```
A                       F#m
Fiż-żgħażagħ it-tama inħarsu 'l quddiem
      D              E
Lejn dinja sabiħa mibnija fis-sliem
   A               F#m
Insewwu l-ħsara, nkattru l-ġid
    D                 E            A - D - A
Magħquda għall-ġejjieni nimxu id f'id

  F#m                 E
Bl-ilma fejjiedi l-ħxejjex ta' l-art
 D                       E
Jerġgħu għall-ħajja jiżżejnu il-ward
     F#m                    E
Hekk Alla biż-żgħażagħ qalbiena irid
 D                E
Kollox Iġedded, isebbaħ mill-ġdid

Fiz-żgħażagħ it-tama...


Hemm min biss igerger jintilef fil-kliem
Iħabbar tad-dinja l-qerda u t-tmiem
Iżd'aħna li qlubna bit-tama mħeġġin
Naħdmu u ngħixu bħal aħwa ħenjin

Fiz-żgħażagħ it-tama...


Għalhekk kollha ħeġġa flimkien inkantaw
L-imrar u t-telqa mhumiex posthom haw'
Din l-għanja tal-ħajja mhix għanja tax-xjuħ
Din l-għanja ta' min f'qalbu għadu żagħżugħ
```

D E F#m A

